9

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 34/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs.**

**Sayfedine Bonavia**

Illum it-12 ta' Mejju 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq taht arrest Sayfedine Bonavia, iben Clyde u Wafaa nee' Saadan imwieled ġewwa l-Pieta`, Malta, nhar il-11 t'April 2003, residenti gewwa Jofgal Court, Fl 2B, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0295103L;

U nakkużaħ talli f'San Ġiljan nhar is-16 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tas-siegha u kwart ta' filgħodu (01:15hrs) kif ukoll f'hinjjiet u zminijjiet ta` qabel:

1. Ikkommetta serq ta' mobajl ekwivalenti għal madwar €1000 għad-detriment ta' Laura Niens, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema

valur ma jaċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu(€2329.27) u bil-ħin;

2. Ikkommetta serq ta′ mobajl ekwivalenti għal madwar €1000 għad-detriment ta′ Shadon Psaila, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ma jaċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu(€2329.27), u bil-ħin;

3. Involontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè mowbajl tal ghamla IPhone 10, għad-detriment ta′ Laura Niens, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (2500 ewro) iżda huwa aktar minn mitejn u ħamsin ewro (250 ewro);

4. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta′ PS 1128 G. Sammut, PC 1096 M. Gafa` u PC 1475 R. Sacco li huma persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħahom jew li jinfluwixxi fuqom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta′ dak is-servizz;

5. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b′ħebb, ta′ xorta li ma′ titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1128 G. Sammut, PC 1096 M. Gafa` u PC 1475 R. Sacco, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta′ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

6. Naqas milli josserva d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar l-użu mandatorju ta' maskri mediċi jew tad-drapp;

7. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;

8. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia LL.D, fid-digriet mogħti nhar is- sittax ta' Diċembru 2021, li biħ tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

9. Ikkommetta reati ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. nhar it-tlettax (13) ta' Gunju 2020;

10. Rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi diversi tal-Qrati tal-Maġistrati, decizi nhar it- 13 ta` Gunju, 2020 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawża tigi trattata bi procedura sommarja.[1]

[1] Folio 23 ta' l-atti processwali

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar id- 19 ta' Jannar 2022 l-imputat iddikjara li ma kienx hati tar-reati addebitati lilu.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2022 l-imputat iddikjara li kien hati tar-reati addebitati lilu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Madankollu, l-Qorti rat illi hemm raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhuwiex ħati ta' xi whud mir-reati addebitati lilu ghar-rigward id-disa' u l-ghaxar imputazzjoni.

Rat in-nota ta' l-Ispettur Brian Xuereb data 10 ta' Mejju 2022 li biha esebixxa d-dokumenti mitluba minnu ghar-rigward id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tas-6 ta' April 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**L-ammissjoni**

Illi qabel xejn, din il-Qorti ma tistax ma tezaminax il-validita' tal-ammissjoni tal-imputat Sayfedine Bonavia, b'mod partikolari fid-dawl tad-disa u l-ghaxar imputazzjonijiet li wassluh biex jammettihom ghal darbtejn.

Rat illi minkejja l-amissjoni ta' l-imputat hemm raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati ta' whud mir-reati addebitati lilu. Illi din il-Qorti ser taghmel referenza ghal ghadd ta' sentenzi li jikkonfermaw il-posizzjoni mehuda mill-Qrati taghna fir-rigward tal-validita' tal-ammissjoni tal-imputat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] Vs Andre' Falzon'** gie meqjus li:

> '*Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta' l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta' l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta' l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta' l-ammissjoni maghmula mill- persuna akkuzata tghallimna illi:*
>
> *"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik*

*is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat."…*

*Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l- intenzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta' l-appellanti.'*

Illi anke fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** deciza fis-26 ta' Ottubru 2017 fejn l-istess Qorti tghid hekk:

*Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta' l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….*

*Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:*

*"..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati."*

*Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom.*

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain** (moghtija fis-27 ta' Ottubru 1962) dik il-Qorti tghallem illi, gjaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjoni, wiehed ghandu jara x'inhu l-effett ta' dik l-ammissjoni.

*L-Imhallef sedenti jidhirlu li, 'in subjecta materia', il-principji stabbiliti fil-gurisprudenza ngliza mill-Imhallef Avory in R. v. Forde (1923) 2 K.B. 400, fejjn*

*qal hekk:- entertain a plea against conviction, if it appears (1) that the appellant di not appreciate the nature of thecharge or did not intend to admit that he was guilty of it, or (2) that upon the admitted facts he could not in law have been convicted of the offence charged';*

*Dan l-insenjament tal-Imhallef Avory (li kien kriminalista illustri) gie dan l-ahhar riaffermat b'citazzjoni 'ipsissimis verbis' mill-Qorti tal-Appell Kriminali Ngliza komposta mill-President Parker u mill-Imhallfin Cassels u Ashworth fil-kawza R. Move, 2 ta' Frar 1960, riportata fil-Criminal Law Review, April 1960, pag. 266;*

*Dan l-insenjament jattalja ruhu perfettament mal-principji tal-Ligi Maltija dwar il-konfessjoni gudizzjarja kif ezaminati mill-Imhallef sedenti fl-appell kriminali 'Pulizija vs Livori', 16 ta' Ottubru 1937, fejn hemm rilevat l-insenjament anke tad-Dritt Kanoniku li l-konfessjoni gudizzjarja hija 'plena probatio' u d-Dritt Ruman, skond liema 'confessos in jure pro judicatis haberi placet'.*

Illi fis-sentenza appena citata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill-Imhallef Dr. William Harding, innotat li f'dak l-appell, l-appellant kien qed jistqarr illi, ghad li ammetta l-imputazzjoni kif dedotta, l-elementi tal-imputazzjoni fl-istess kawza ma jezistux u ghalhekk, bl-ammissjoni b'kollox, l-imputazzjoni ma tinsabx assodata.

Illi din il-Qoti thoss li huwa fid-dmir taghha li tara jekk, bl-ammissjoni tal-imputat, jistax jigi kkundannat ossija jinstab hati tal-imputazzjonijiet skond il-ligi[2].

[2] **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa** (Appell Kriminali deciz fis-17 ta' Lulju 2002, per Onor. Imh. Vincent Degaetano)

Illi dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha taghmel *hi* xoghol id-difiza, izda trid tara biss jekk, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet jezistux u jirrizultawx skond il-ligi.

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet jirrizultaw ipprovati fl-atti. Wiehed jista' ma jaqbilx ma kif gew provati, jew jekk il-provi kienux l-ahjar possibbli, izda din il-Qorti tqis li bl-ammissjoni inkundizzjonata tal-imputat, hija m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati taghhom.

Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tad-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet.

Fir-rigward tad-disa' imputazzjoni l-imputat gie akkuzat talli kkommetta reati ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace nhar it-13 ta' Gunju 2020. Illi jirrizulta li din is-sentenza kien relatata wkoll ma diversi serqiet u hsara.

F'din is-sentenza jirrizulta pero li l-piena li nghatat mill-Qorti kienet ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin u <u>mhux</u> ta' sentenza sospiza kif indikat fid-disa' akkuza. Is-sentenza tghid b'mod car:

*"Sayfedine Bonavia inghata sentenza ta' probation order ghal tlett snin."*[3]

Ghaldaqstant jirrizulta li d-disa imputazzjoni ma tistax tirrizulta ghaliex l-imputat qatt ma kien inghata sentenza sospiza u minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat ghal din il-imputazzjoni, din il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex issibu hati ta' reat li huwa qatt ma kkommetta u ghalhekk sejra tghaddi sabiex tilliberah minnha. Ghal kull bwon fini, din il-Qorti tirrileva li hija ma tistax issibu hati taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali – hekk kif qed tindika l-imputazzjoni – in kwantu li dan ir-reat ma jissussistix.

[3] Folio 129 ta' l-atti processwali

Ghar-rigward ta' l-ghaxar imputazzjoni din il-Qorti tara li l-imputat huwa akkuzat tali rrenda ruhu recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk din il-Qorti tista meta taghti piena zzid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn.

Madankollu kif jirrizulta mis-sentenza tat-13 ta' Gunju 2020 - u kif inhi riflessa fil-fedina penali tieghu bhala l-unika sentenza registrata kontrih - l-imputat kien tqieghed taht Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin. Kif inhu mghallem, sentenza fejn il-persuna koncernata kienet nghatat piena taht il-Kapitolu 446 ma tistax titqies li hija recediva. F'dan ir-rigward ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius** moghtija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004.

Ghaldaqstant minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat il-Qorti tqis li anke l-ghaxar imputazzjoni ma tistax qatt tirrizulta u sejra tghaddi sabiex tilliberah minnha.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2022 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat m'hijex netta u tinsab sentenza registrata kontrih ta' l-istess generu ghar-reat li bhalu huwa akkuzat.[4]

- L-imputat irregistra ammisssjoni fit-tieni udjenza u wara li kienu gia xehdu erba' xhieda tal-proskeuzzjoni. Filwaqt li l-ammissjoni ma saritx fl-ewwel appuntament u ghaldaqstant fl-iktar stadju bikri qabel ma l-prosekuzzjoni kienet lahhqet ressqet xhieda u provi xorta ghandu jitqies li l-ammissjoni saret fi stadju kmieni tal-proceduri.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[6], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[7] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[8]

  Ghaldaqstant jista' jinghad li l-ammissjoni saret fi stadju bikri u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Mill-okkorenza tal-pulizija jirrizulta li l-imputat ma kooperax mal-pulizija u anzi mar oltre dan u ghamel offizi fuq tlett ufficjali tal-pulizija.

- Il-Qorti tara wkoll li l-imputat gie akkuzat tali kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu. Il-Qorti tara li nhar is-16 ta' Dicembru 2021, l-imputat kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet. Illi bhala konsegwenza l-imputat kien iddepozita fir-

[4] Folio 7-9 ta' l-atti processwali
[5] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[6] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[7] Thomson Reuteurs, S-29
[8] Blackstone Press Limited – 2006 edition

Registru tal-Qorti s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bhala depozitu u tmien telef Ewro (€8,000) bhala garanzija personali.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghalhekk trid timponi jew piena ta' multa jew piena ta' prigunerija bl-inqas tkun dik ta' erba' xhur. Apparti dan, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, stante li din il-Qorti hija tal-fehma li l-ksur tal-kondizzjonijiet kienet ta' konsegwenza serja li wasslet sabiex iwettaq reat iehor mill-gdid, il-Qorti tqis li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' piena karcerarja maghquda ma' konfiska stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija.

- Id-difiza talbet li jigi mhejji *pre sentencing report,* liema rapport gie mhejji minn ufficjal tal-probation.[9] Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat ibati minn diversi vizzji, fosthom tax-xorb, droga kif ukoll ghal *self harming*. Illi l-imputat ghadu ta' eta' tenera u diga ghandu registrat sentenza kontrih, kif ukoll skonta sentenza ohra gewwa habs fl-Italja, kif ukoll ghandu proceduri ohra pendenti relatati ma offizi fuq il-persuna.
- L-imputat wera dispjacir ghall-agir tieghu hekk kif irrizulta mll-*pre sentencing report.*[10]
- Mill-atti ma jirrizultax li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsara li kkagguna.
- L-ufficjal tal-probation fir-rapport taghha taghmel rakkomandazzjoni ghal-piena karcerarja.
- Fis-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra li taghti piena karcerarja ta' madwar sena u nofs fil-konfront ta' l-imputat kif ukoll Ordni ta' Trattament.

[9] Dok MA1, Folio  ta' l-atti processwali
[10] Dok MA1, Folio 83-119 ta' l-atti processwali

- Id-difiza tabbraccja din is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni u qablet fis-shih mal-piena suggerita lill-Qorti
- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tara li din il-piena hija wahda mhix legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dak suggerit imur taht il-minimu permesibbli mill-ligi.
- Illi r-reat huwa meqjus aggravat in vista ta' l-ammont li gie misruq u l-hin li fih sar u ghaldaqstant ir-reat huwa meqjus aggravat bl-aggravji tal-valur u l-hin u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali.
- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.
- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*
- Illi minn dak li rat u semghet il-Qorti, ma tistax ma tesprimix thassib dwar il-fatt li zaghzugh li ghadu rrid jibda l-hajja u ghandu kemm irrid opportunitajiet jistennewh, jekk irrid, qieghed b'mod volontarju jaghzel li jhassar il-futur tieghu qabel ma jibda. Illi minkejja certu diffikultajiet li tfaccja fit-trobbija, dan ma jiggustifikax bl-ebda mod it-triq kriminuza u delikwenti li qieghed jidhol fiha u huwa ta' importanza kbira li jgharraf

ir-responsabbilita' ta' ghemilu u ibiddel l-attitudni tieghu sabiex jaqbad it-triq it-tajba, issir stabbli f'hajtu u persuna li tista tikontribwixxi b'mod posittiv fis-socjeta. Jidher bic-car li l-imputat ghandu bzonn jiehu aktar kura sabiex jindirizza l-vizzji li qabad kif ukoll jindirizza certi problemi dwar is-sahha mentali tieghu kif ukoll issir iktar kapaci jikontrolla l-emozzjonijiet tieghu.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti, jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tas-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tqis li piena karcerarja hija l-iktar wahda idoneja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 263, 264, 266, 270, 279(a), 280, 325(1)(b), 95, 96(a), 338(ee), 579, 28A, 28B, 49, 50, 289, 17, 20, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.48 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Sayfedine Bonavia, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba u t-tmien imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' **prigunerija** ta' tletin (30) xahar kif ukoll **multa** kumplessiva ta' hamest elef Ewro (€5,000) u **tirrevoka** l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil-imputat u tordna l-arrest mill-gdid skond l-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) imsemmija bhala garanzija personali tghaddi a favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt li **tilliberah** mid-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet relatati mal-vizzji li ghandu kif ukoll dawk dwar is-sahha mentali tieghu li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu u ta' **tlett snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Sayfedine Bonavia taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000) liema obligazzjoni tibda fis-sehh wara li jkun skonta l-piena karcerarja.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' PS 1128 G. Sammut, PC 1096 M. Gafa' u PC 1475 R. Sacco ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar it-12 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**